



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.5.2020
COM(2020) 517 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Ungerija tal-2020 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija tal-2020

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Ungerija tal-2020 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija tal-2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2020 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Hija ħadet kont debitu tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, iddikjarat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Fis-17 ta' Diċembru 2019, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih ma identifikatx lill-Ungerija bħala wieħed mill-Istati Membri li jirrikjedi li ssirli analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2020 għall-Ungerija² ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2020. Huwa vvaluta l-progress tal-Ungerija fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fid-9 ta' Lulju 2019³, is-segwitu mogħti lir-rakkomandazzjonijiet adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Ungerija lejn il-miri nazzjonali tal-Ewropa tal-2020.
- (3) Fil-11 ta' Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa uffiċjalment iddikjarat il-COVID-19 bħala pandemija dinjija. Hija emerġenza serja tas-saħħa pubblika għaċ-

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² SWD(2020) 516 final.

³ ĠU C 301, 5.9.2019, p. 117.

ċittadini, is-soċjetajiet u l-ekonomiji. Qiegħda tpoġġi s-sistemi tas-saħħa nazzjonali taħt pressjoni qawwija, tfixkel il-ktajjen ta' provvista dinjija, tikkawża volatilità fis-swieq finanzjarji, tiskatta xokkijiet fid-domanda tal-konsumatur u jkollha effetti negattivi f'diversi setturi. Qiegħda thedded l-impjiegi tan-nies, l-introjti tagħhom u n-negozji tal-kumpaniji. Wasslet għal xokk ekonomiku mill-akbar li diġà qiegħed ikollu riperkussjonijiet serji fl-Unjoni Ewropea. Fit-13 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni⁴ li tappella għal rispons ekonomiku kkoordinat għall-kriżi, li jinvolvi l-atturi kollha fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni.

- (4) Diversi Stati Membri ddikjaraw stat ta' emerġenza jew introduċew miżuri ta' emerġenza. Jenħtieġ li kull miżura ta' emerġenza tkun strettament proporzjonata, meħtieġa, limitata fiż-żmien u konformi mal-istandards Ewropej u internazzjonali. Jenħtieġ li dawn ikunu soġġetti għal sorveljanza demokratika u sħarriġ ġudizzjarju indipendenti.
- (5) Fl-20 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir⁵. Il-klawżola, kif inhu stipulat fl-Artikoli 5(1), 6(3), 9(1) u 10(3) tar-Regolament (KE) 1466/97 u l-Artikoli 3(5) u 5(2) tar-Regolament (KE) 1467/97, tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-politiki baġitarji fi żminijiet ta' tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku. F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni qasmet il-ħsieb tagħha mal-Kunsill li, minħabba tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku b'riżultat tat-tifqigħa tal-COVID-19, il-kundizzjonijiet attwali jippermettu l-attivazzjoni tal-klawżola. Fit-23 ta' Marzu 2020, il-Ministri għall-Finanzi tal-Istati Membri qablu mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni. L-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tippermetti devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju, sakemm dan ma jipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju. Għall-parti korrettiva, il-Kunsill jista' jiddeċiedi wkoll, b'rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jadotta trajettorja fiskali riveduta. Il-klawżola liberatorja ġenerali ma tissuspendix il-proċeduri tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Tippermetti li l-Istati Membri jiddevjaw mir-rekwiżiti baġitarji li normalment japplikaw filwaqt li tippermetti li l-Kummissjoni u l-Kunsill jieħdu l-miżuri ta' koordinazzjoni tal-politika meħtieġa fil-qafas tal-Patt.
- (6) Hija meħtieġa azzjoni kontinwa biex tiġi limitata u kkontrollata l-firxa tal-pandemija, tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi nazzjonali tas-saħħa, jittaffew il-konsegwenzi soċjoekonomiċi permezz ta' miżuri ta' appoġġ għan-negozji u għall-unitajiet domestiċi u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet adegwati għas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xoġħol bil-ħsieb li terġa' tibda l-attività ekonomika. Jenħtieġ li l-Unjoni tuża b'mod sħiħ id-diversi għodod li għandha għad-dispożizzjoni tagħha biex tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri f'dawk l-oqsma. B'mod parallel, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jaħdmu flimkien biex iħejju l-miżuri meħtieġa biex jerġgħu lura għal funzjonament normali tas-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna u għal tkabbir sostenibbli, li jintegraw fost l-oħrajn it-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali, u li jieħdu t-tagħlimiet kollha mill-kriżi.
- (7) Il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat il-flessibbiltà li joffri s-suq uniku ta' adattament għal sitwazzjonijiet differenti ħafna mis-soltu. Madankollu, sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni rapida u bla xkiel għall-fażi ta' rkupru u l-moviment liberu ta' oġġetti, servizzi u ħaddiema, iridu jitneħħew miżuri eċċezzjonali li jwaqqfu l-funzjonament normali tas-suq uniku hekk kif dawn ma jibqgħux indispensabbli. Il-kriżi attwali wriet il-ħtieġa

⁴ COM(2020) 112 final.

⁵ COM(2020) 123 final.

għal pjanijiet ta' tħejjija għall-kriżijiet fis-settur tas-saħħa, li jinkludu b'mod partikolari titjib fl-istrateġiji tax-xiri, diversifikazzjoni fil-ktajjen tal-provvista u riżervi strateġiċi ta' provvisti essenzjali. Dawn huma elementi kruċjali għall-iżvilupp ta' pjanijiet akbar ta' tħejjija.

- (8) Il-leġislatur tal-Unjoni diġà emenda l-oqfsa leġislattivi rilevanti⁶ li jippermettu lill-Istati Membri jimmobilizzaw ir-riżorsi kollha mhux użati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej biex ikunu jistgħu jitrattaw l-effetti eċċezzjonali tal-pandemija tal-COVID-19. Dawn l-emendi se jipprovdu flessibbiltà addizzjonali, kif ukoll proċeduri simplifikati u razzjonalizzati. Biex jittaffew il-pessjonijiet ta' flussi ta' flus, l-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw ukoll minn rata ta' kofinanzjament ta' 100 % mill-baġit tal-Unjoni fis-sena kontabilistika 2020-2021. L-Ungerija hija mħeġġa tuża bis-sħiħ dawn il-possibiltajiet biex tgħin lill-individwi u s-setturi l-aktar affettwati mill-isfidi.
- (9) Il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija aktarx ma jitqassmux b'mod uniformi fit-territorji kollha minħabba xejriet ta' speċjalizzazzjoni differenti, b'mod partikolari f'reġjuni li huma neqsin minn assi ewlenin jew li jiddependu b'mod sinifikanti fuq setturi li jiddependu fuq negozju wiċċ imb wiċċ mal-konsumaturi. Dan jinvolvi riskju sostanzjali li jiżdiedu l-inugwaljanzi territorjali fl-Ungerija, u jiggravaw ix-xejra li diġà ġiet innutata ta' żieda fl-inugwaljanzi bejn iż-żoni urbani u dawk rurali. Flimkien mar-riskju ta' tnaqqis temporanju fil-proċess ta' konverġenza bejn l-Istati Membri, is-sitwazzjoni attwali titlob rispons ta' politika mfassal apposta.
- (10) Fil-5 ta' Mejju 2020, l-Ungerija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2020 u, fl-4 ta' Mejju 2020, il-Programm ta' Konverġenza tagħha tal-2020. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.
- (11) Bħalissa l-Ungerija qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u hija soġġetta għar-regola tad-dejn.
- (12) Fl-14 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill irrakkomanda lill-Ungerija biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett⁷ ma teċċedix it-3,3 % fl-2019, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 1,0 % tal-PDG. Il-valutazzjoni kumplessiva tal-Kummissjoni tikkonferma devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament rakkomandat lejn l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2019 u matul l-2018 u l-2019 flimkien. Madankollu, fid-dawl tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali, mhumiex meħtieġa passi ulterjuri skont il-Proċedura ta' Devjazzjoni għall-Ungerija.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu mmobilizzati investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u f'setturi oħra tal-ekonomija tagħhom b'reazzjoni għat-tifqigħa COVID-19 (Inizjattiva ta' Investiment b'Reazzjoni għall-Coronavirus) (ĠU L 99, 31.3.2020, p. 5) u r-Regolament (UE) 2020/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013 u (UE) Nru 1303/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa ta' COVID-19 (ĠU L 130, 24.4.2020, p. 1).

⁷ In-nefqa primarja netta tal-Gvern hi magħmula min-nefqa totali tal-Gvern mingħajr in-nefqa marbuta mal-imgħax, in-nefqa marbuta mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fin-nefqa marbuta mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss ifffinanzjata fuq livell nazzjonali hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew żidiet fid-dħul mitluba mil-liġi huma meqjusa. Miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tan-nefqa huma mnaqqsqa.

- (13) Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2020, il-Gvern qed jippjana li l-bilanċ nominali jiddeterjora minn defiċit ta' 2,0 % tal-PDG fl-2019 għal 3,8 % tal-PDG fl-2020. Id-defiċit għandu jonqos għal 2,7 % tal-PDG fl-2021 u gradwalment jilħaq il-1,0 % tal-PDG sal-2024. Wara li fl-2019 il-PDG naqas għal 66,3 %, id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika bħala proporzjon tal-PDG hu mistenni li jizzied għal 72,6 % fl-2020 skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2020. Il-perspettiva makroekonomika u fiskali hija affettwata minn ħafna inċertezza minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Hemm riskji speċifiċi għal kull pajjiż li huma sottostanti għall-projezzjonijiet baġitarji, jiġifieri marbuta ma' nfiq ogħla mill-projezzjonijiet (f'konformità max-xejriet tal-passat b'infiq għoli fi tmiem is-sena), kif ukoll dħul potenzjalment iktar baxx mill-projezzjonijiet billi l-projezzjoni għandha t-tendenza li sserraħ fuq dħul għoli.
- (14) B'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, u bħala parti minn approċċ koordinat tal-Unjoni, l-Ungerija adottat miżuri baġitarji biex iżżid il-kapaċità tal-kura intensiva tas-sistema tas-saħħa tagħha, trażżan il-pandemija, u tgħin lil dawk l-individwi u lis-setturi li ġew affettwati b'mod partikolari. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2020, dawn il-miżuri baġitarji ammontaw għal 2,8 % tal-PDG fl-2020, u huma ffinanzjati kompletament permezz ta' riallokazzjoni tal-infiq fil-baġit, riżervi u taxxi ġodda. Dawn jinkludu miżuri li għandhom l-għan li jappoġġaw is-suq tax-xogħol, ħelsien mit-taxxa għan-negozji u spejjeż relatati mal-emerġenza medika. Tħabbru miżuri addizzjonali biex jiġi appoġġat l-irkupru (1,4 % tal-PDG) u biex jiġi appoġġat is-suq tax-xogħol (0,4 % tal-PDG) iżda għandhom ma ġewx speċifikati. Barra minn hekk, l-Ungerija adottat miżuri li, filwaqt li ma għandhomx impatt baġitarju dirett, se jikkontribwixxu għall-appoġġ tal-likwidità għan-negozji, li l-Programm ta' Konverġenza tal-2020 jistma għal 1,5 % tal-PDG. L-awtoritajiet qed jaħdmu fuq miżuri addizzjonali għal 0,3 % tal-PDG. Dawn il-miżuri jinkludu programmi ta' garanziji ta' kreditu u self garantit mill-Gvern. L-impatt baġitarju kumplessiv tal-miżuri fiskali rrapportati fil-Programmi ta' Konverġenza tal-2020 huwa differenti minn dak inkluż fit-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni billi ġew ivvalutati u meqjusa biss dawk li l-Kummissjoni speċifikat b'mod suffiċjenti. Kumplessivament, il-miżuri li l-Ungerija adottat huma konformi mal-linji gwida stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq rispons ekonomiku kkoordinat għat-tifqigħa tal-COVID-19. L-ispeċifikazzjoni sħiħa u l-adozzjoni tal-miżuri kollha mħabbra, segwiti minn iffukar mill-ġdid tal-politiki fiskali biex jintlaħqu pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, se jikkontribwixxu biex is-sostenibbiltà fiskali tiġi ppreservata fit-terminu medju.
- (15) Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni taħt politiki mhux mibdula, il-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika tal-Ungerija huwa mbassar li jkun -5,2 % tal-PDG fl-2020 u -4,0 % fl-2021. Id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika bħala proporzjon tal-PDG għandu jilħaq il-75,0 % tal-PDG fl-2020.
- (16) Fl-14 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill iddeċieda f'konformità mal-Artikolu 121(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li fl-2018 fl-Ungerija kienet osservata devjazzjoni sinifikanti mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Fid-dawl tad-devjazzjoni sinifikanti stabbilita, fl-14 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill irrakkomanda li l-Ungerija tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma taqbiżx it-3,3 % fl-2019 u l-4,7 % fl-2020, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 1,0 % u 0,75 % tal-PDG. Fil-5 ta' Diċembru

2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2172⁸, li tistabbilixxi li l-Ungerija ma kinitx ħadet azzjoni effettiva skont ir-Rakkomandazzjoni tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2019, u ħareġ Rakkomandazzjoni riveduta. Fir-Rakkomandazzjoni tal-5 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill talab lill-Ungerija tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li r-rata nominali ta' tkabbir tal-infiq primarju nett tal-Gvern ma taqbiżx l-4,7 % fl-2020, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,75 % tal-PDG fl-2020. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni kumplessiva tal-Kummissjoni u fid-dawl tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali għall-2020, li tippermetti devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju, l-Ungerija tista' titqies li ħadet azzjoni effettiva b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-5 ta' Diċembru 2019.

- (17) Fl-20 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni ħarġet rapport imħejji f'konformità mal-Artikolu 126(3) tat-Trattat minħabba l-ksur ippjanat mill-Ungerija ta' 3 % tal-limitu tad-defiċit tal-PDG fl-2020. Kumplessivament, l-analiżi tissuġġerixxi li l-kriterju tad-defiċit kif definit fit-Trattat u fir-Regolament (KE) 1467/1997 ma ġiex issodisfat.
- (18) Il-Gvern ħabbar sitwazzjoni ta' periklu fil-11 ta' Marzu 2020. Fit-12 ta' Marzu, il-fruntieri nġhalqu għall-vjaġġaturi, ħliet għaċ-ċittadini li jirritornaw u r-residenti taż-Żona Ekonomika Ewropea kif ukoll il-ħaddiema transfruntiera. It-tranżitu tal-merkanzija baqa' permess. Fis-16 ta' Marzu 2020 nġhalqu l-faċilitajiet tal-edukazzjoni bikrija ta' tfal, l-iskejjel u l-universitajiet u t-tagħlim beda jingħata online. Mis-17 ta' Marzu 2020, il-ħwienet mhux essenzjali ġew obbligati jagħlqu fit-3pm u r-ristoranti setgħu jibqgħu mifuħa biss għal servizz ta' takeaway. Fit-28 ta' Marzu 2020 ġie introdott limitu parzjali fuq il-ħin, jiġiferi n-nies setgħu joħorġu miż-żona ta' residenza tagħhom għal raġunijiet debitament iġġustifikati, u jżommu distanza minn nies oħra. Qabel it-tifqigħa tal-COVID-19, l-ekonomija tal-Ungerija kienet sejra lejn tnaqqis gradwali wara diversi snin ta' tkabbir eċċezzjonali. Fl-2019 il-PDG reali għola b'4,9 %. Wara t-tifqigħa tal-virus, il-miżuri ta' konteniment ġew implimentati relattivament malajr, u sa issa n-numri uffiċjali tal-każijiet kienu limitati. Madankollu, ir-riċessjoni dinjija hija mistennija li tolgot l-esportazzjonijiet b'mod partikolarment qawwi minħabba r-rwol dominanti tal-industriji ċikliċi ħafna, bħall-industrija awtomobilistika. Huwa mistenni wkoll li tolgot is-servizzi ta' turiżmu u ta' trasport, li huma affettwati mir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar. Kumplessivament, f'Marzu għandha tibda riċessjoni qawwija, imbagħad għandu jkun hemm irkupru ekonomiku gradwali mit-tieni nofs tas-sena billi huwa preżunt li l-miżuri ta' konteniment gradwalment jitneħħew. Il-qgħad jista' jogħla b'mod rapidu minħabba l-flessibilità tas-suq tax-xogħol. Il-prestazzjoni ekonomika fl-2020 se tkun tiddependi fuq it-tul tal-perjodu ta' konfinament kif ukoll fuq ir-rispons tal-politika ekonomika. It-Tbassir tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni Ewropea jagħmel projezzjoni ta' tnaqqis ta' 7 % tal-PDG reali fl-2020, segwit minn irkupru ta' 6 % fl-2021.
- (19) Il-Gvern ħabbar diversi mewġiet ta' miżuri minn nofs Marzu biex itaffi l-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19. Il-bank ċentrali adotta miżuri biex jipprovdi likwidità lis-settur finanzjarju. Miżuri oħra li jżidu l-likwidità għall-unitajiet domestiċi u għan-negozji jinkludu (i) moratorju fuq il-pagamenti sal-31 ta' Diċembru 2020 għall-kuntratti ta' self u ta' lokazzjoni finanzjarja għall-kumpaniji u għall-unitajiet domestiċi, u (ii) iffissar ta' limitu massimu tar-rata tal-imgħax fuq il-krediti għall-konsumatur. Fil-proċess tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri jenħtieġ li titqies ir-reżiljenza tas-settur bankarju. Aktar miżuri, li l-parti l-kbira minnhom huma mmirati għas-setturi l-aktar milquta mill-kriżi, bħat-turiżmu u s-

⁸ ĠU L 329, 19.12.2019, p. 91–93.

servizzi, jinkludu tnaqqis u eżenzjonijiet temporanji mit-taxxi, sussidji fuq l-investment, żvilupp tal-infrastruttura, self sussidjat u garantit, u programmi ta' kapital. Sabiex jippreserva l-impjiegi, il-Gvern nieda żewġ tipi ta' arranġamenti tax-xogħol għal żmien qasir. L-iskema ġenerali tkopri 70 % tal-pagi mitlufa għal tliet xhur b'ċerti kundizzjonijiet u skema speċifika hija mmirata għall-persunal tar-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż). Il-Gvern mexxa 'l quddiem bi tliet xhur tnaqqis li kien ippjanat minn qabel fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u ħabbar żieda ta' darba fil-pagi fis-settur tal-kura tas-saħħa. Kumplessivament, filwaqt li l-miżuri fiskali għandhom l-għan li jappoġġaw lin-negozji u jippreservaw l-impjiegi, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kopertura tagħhom għadhom limitati meta mqabbla ma' ħafna mill-Istati Membri. Barra minn hekk, huma ppjanati li jkunu ffinanzjati permezz ta' riallokazzjonijiet fil-kapitoli tal-baġit u taxxi li għadhom kif ġew mgħollija, u għaldaqstant huma mistennija li jkollhom effett limitat minn perspettiva ta' stabbilizzazzjoni makroekonomika.

- (20) Diversi aspetti tar-riżultati fil-qasam tas-saħħa għadhom agħar minn dawk fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, u dan jirrifletti, fost affarijiet oħra, il-prevalenza għolja tal-fatturi ta' riskju fil-popolazzjoni u l-effettività limitata tal-għoti tal-kura tas-saħħa. Is-sehem pubbliku tal-infiq fuq is-saħħa fl-Ungerija kien aktar baxx b'mod konsiderevoli mill-medja tal-UE. Għadd ogħla mill-medja tal-UE ta' Ungeriżi jiddependu minn infiq mill-but u qed issirilhom dejjem aktar pressjoni biex iduru għas-servizzi tas-saħħa privati. Dan jiggrava r-riskji ta' tbatija finanzjarja għall-unitajiet domestiċi Ungeriżi, b'riperkussjonijiet għall-ekwità soċjali u r-riżultati fil-qasam tas-saħħa. Jenħtieġu investment addizzjonali u riformi komprensivi biex jiġi razzjonalizzat l-użu tar-riżorsi fis-sistema tas-saħħa, jitnaqqsu l-inugwaljanzi fl-aċċess u tiżdied il-kwalità tal-kura. Is-servizzi preventivi u tal-kura primarja mhumiex iffinanzjati biżżejjed u l-potenzjal tagħhom biex itejbu l-kwalità, l-aċċessibilità u l-kosteffettività tas-sistema tas-saħħa għadhom ma ġewx sfruttati biżżejjed. Għalkemm l-awtoritajiet bdew jaħdmu biex itaffu t-tnaqqis konsiderevoli tal-ħaddiema tas-saħħa fl-Ungerija, l-inugwaljanzi reġjonali fid-distribuzzjoni tal-persunal tas-saħħa għadu jfikkell l-aċċess għall-kura f'ċerti żoni u għal xi gruppi vulnerabbli, bħar-Rom marġinalizzati, iżda anki nies b'diżabilitajiet iħabbtu wiċċhom ma' ostakli partikolari. Fir-rigward tax-xokk għad-domanda għas-sistemi tas-saħħa ġġenerata mill-pandemija tal-COVID-19, tenħtieġ azzjoni rapida biex jibdeu jiġu indirizzati dawn l-isfidi strutturali u tiżdied ir-żvilupp tas-sistema tas-saħħa tal-Ungerija.
- (21) Il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tat-tifqigħa jistgħu jkunu sinifikanti u għadu jrid jiġi vvalutat l-impatt tad-digriet tal-Gvern tat-18 ta' Marzu 2020 li jippermetti derogi miftiehma bilateralment mill-Kodiċi tax-Xogħol. Skont it-tbassir tal-Kummissjoni, il-qgħad huwa mistenni li jogħla għal 7,0 % fl-2020 u jirkupra għal 6,1 % fl-2021. Is-setturi li ntluqtu b'mod eċċessiv mill-kriżi jammontaw għal sehem kbir mill-ekonomija Ungeriża, u jimpjegaw forza tax-xogħol b'ħiliet minn livell baxx għal dak medju b'kuntratti ta' xogħol flessibbli ħafna. Sal-bidu tal-2020, ir-rata ta' impjiegi kumplessivament kompliet titjeb fost espansjoni ekonomika qawwija, iżda dan ma kienx ta' benefiċċju bl-istess mod għall-gruppi kollha. Il-lakuni fl-impjiegi bejn il-gruppi tal-ħiliet u bejn l-irġiel u n-nisa baqgħu kbar meta mqabbla mal-medja tal-UE, u din tal-aħħar hija dovuta parzjalment għall-provvista limitata ta' kura tat-tfal ta' kwalità. Għalkemm ċkienet, l-iskema ta' xogħlijiet pubbliċi, li ma kinitx effettiva biex twassal lill-parteċipanti għall-impjiegi fis-suq tax-xogħol primarju, għadha mdaqqa. Hemm lok biex jissaħħu politiki oħra biex nies qiegħda jew inattivi jiġu megħjuna b'mod effettiv biex isibu xogħol jew jaċċessaw taħriġ biex itejbu l-miri tagħhom. It-tul ta' żmien tal-benefiċċji tal-qgħad huwa l-iqsar fl-UE, b'massimu ta' tliet xhur, li anki

f'kundizzjonijiet ekonomiċi favorevoli kien ferm inqas miż-żmien medju meħtieġ biex wieħed isib impjeg. F'konformità mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-iskemi u l-miżuri ta' protezzjoni soċjali jridu jipproteġu lil dawk li jinsabu f'riskju li jtilfu l-impjeg tagħhom, kif ukoll lill-ħaddiema għal rashom u lil dawk qiegħda. L-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet aqsar, fejn l-impjegati jirċievu appoġġ għall-introjtu mill-Istat għas-siġhat li ma jaħdmux, huma mod tajjeb kif jiġu protetti l-impjegati. Matul il-pandemija, l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet aqsar huma effiċjenti l-aktar jekk l-amministrazzjoni tagħhom tkun sempliċi u rapida, u l-eliġibbiltà ma tkunx ristretta għal ċerti setturi jew tipi ta' negozji.

- (22) Filwaqt li s-sitwazzjoni kumplessiva tal-faqar fl-Ungerija tjiebet qabel il-kriżi, din ix-xejra tista' tmur lura b'mod rapidu matul it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. L-inugwaljanzi fl-introjtu żdiedu matul dan l-aħħar deċennju, parzjalment minħabba bidliet fis-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji. Anki qabel it-tifqigħa tal-COVID-19, kemm id-deprivazzjoni materjali estrema kif ukoll id-deprivazzjoni materjali u soċjali kienu għoljin, b'mod partikolari fost l-unitajiet domestiċi b'diversi tfal u fost il-popolazzjoni tar-Rom. In-nuqqas ta' appartamenti muniċipali għall-kiri soċjali u n-nuqqas ta' appoġġ finanzjarju għall-kerreġja jfixklu l-mobbiltà. Il-benefiċċju tal-introjtu minimu għadu ma nbidilx b'mod nominali mill-2012 u huwa wieħed mill-aktar baxxi fl-UE. Il-pandemija hija mistennija li tolqot l-aktar lill-gruppi vulnerabbli li ma għandhomx aċċess għall-kura u għas-servizzi essenzjali u li jgħixu f'unitajiet domestiċi ffullati wisq. Il-miżuri li jrawmu l-attivazzjoni u l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol se jkunu meħtieġa meta l-ekonomiji jirkupraw. Qabel il-kriżi, l-eżiti tal-edukazzjoni diġà kienu aktar baxxi mill-medja tal-Unjoni u kienu influwenzati b'mod qawwi mill-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti. Ir-rati tat-tluq bikri mill-iskola kienu għoljin, b'mod partikolari fost l-istudenti Rom. Il-parteċipazzjoni baxxa tal-gruppi vulnerabbli f'edukazzjoni ta' kwalità hija opportunità mitlufa biex jinbnew il-kapital uman u l-koeżjoni soċjali. Is-salarju tal-għalliema huwa wieħed mill-aktar baxxi fl-UE. L-għadd baxx ta' studenti li jipparteċipaw fl-edukazzjoni għolja mhuwiex konformi mad-domanda qawwiya għal ħaddiema b'livell għoli ta' ħilet. Il-bidla mhux mistennija għat-tagħlim mill-bogħod aktarx se tkompli żżid l-inugwaljanzi. L-evidenza mit-testijiet ta' kompetenza nazzjonali annwali turi li huwa diffiċli li jintlaħqu ħafna studenti permezz tal-edukazzjoni diġitali minħabba n-nuqqas ta' għodod diġitali. L-istudenti minn sfondi żvantaġġati jesperjenzaw effetti negattivi ta' tagħlim mill-bogħod anki minħabba l-unitajiet domestiċi li huma ffullati wisq u l-edukazzjoni baxxa tal-ġenituri. L-investimenti riċenti u li għaddejjin fid-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni kienu importanti u jeħtieġ li jitkomplew.
- (23) Fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, huwa importanti b'mod partikolari li jiġi żgurat il-funzjonament tal-infrastruttura kritika u ċ-ċirkolazzjoni libera tal-oġġetti fis-Suq Uniku u li jiġi ssorveljat u żgurat il-funzjonament tajjeb tal-ktajjen ta' provvisti b'kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien. L-Ungerija għandha ekonomija żgħira miftuħa bi trasport transfruntier intensiv ta' merkanzija. Barra minn hekk, ħafna Ungeriżi jaħdmu barra mill-pajjiż u jivvjaġġaw kull ġimgħa. L-Ungerija jista' jkollha bżonn ukoll ħaddiema staġonali fl-agrikoltura li jaħdmu bejn il-fruntieri. Ir-restrizzjonijiet li attwalment huma imposti fuq l-ivvjaġġar jistgħu jdedmu ċ-ċirkolazzjoni tal-oġġetti u tal-ħaddiema iżda jistgħu jittaffew billi jiġu żgurati l-Korsiji Ħodor mal-fruntieri.
- (24) Fost is-servizzi, il-bejgħ bl-imnut huwa wieħed mis-setturi l-aktar affettwati minħabba l-miżuri li żammew lil ħafna negozji għalkollox milli jiffunzjonaw jew li llimitaw l-operazzjonijiet tagħhom b'mod sinifikanti. Il-flessibbiltà regolatorja tgħin lill-bejgħ bl-imnut jirpilja wara l-COVID-19. L-Ungerija għandha l-ogħla numru ta'

professjonijiet regolati fl-UE. Is-servizzi professjonali se jkollhom rwol importanti fl-iffaċilitar tal-ħruġ mill-kriżi u fl-irkupru warajha. Għaldaqstant, l-iżgurar ta' aċċess bla xkiel għall-professjonijiet u l-eżerċizzju tagħhom, permezz ta' simplifikazzjoni tal-oqfsa regulatorji tagħhom u proċeduri amministrattivi relatati, huwa ta' importanza kruċjali, speċjalment għall-impriżi żgħar u medji u għall-mikroimpriżi, fosthom il-prattikanti waħidhom, li ntlaw b'mod partikolari mill-kriżi. L-appoġġ ta' likwidità għan-negozji permezz ta' self u garanziji, b'enfasi fuq l-impriżi żgħar u medji, huwa ta' importanza kruċjali, u d-distribuzzjoni tal-appoġġ ta' likwidità għad-ditti trid tkun implimentata b'mod effettiv u rapidu mill-intermedjarji. Fil-proċess tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri jenħteġ li titqies ir-reżiljenza tas-settur bankarju. Il-fluss tal-flus tal-impriżi żgħar u medji jista' jitlej ukoll billi jiġu permessi pagamenti differiti ta' taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali u jiġihom il-pagamenti kuntrattwali mill-awtoritajiet pubbliċi. Negozji ġodda li għadhom kemm bdew u dawk li qed jespandu jenħteġu appoġġ speċifiku, pereżempju inċentivi għal fondi ta' kapital ta' riskju biex jizjed l-investimenti tagħhom f'dawn id-ditti. Dawn il-miżuri ta' appoġġ se jgħinu wkoll biex jiġi evitat bejgħ bl-għaġla ta' ditti Ewropej strateġikament importanti.

- (25) Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma fattur kritiku għat-tekabbir u l-kompetittività fit-tul. L-Ungerija hija meqjusa bħala innovatur moderat. In-nuqqas ta' ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet huwa ta' xkiel kbir għall-innovazzjoni. L-infiq fir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) qiegħed jizjed bil-mod u ngħata spinta prinċipalment mis-settur tan-negozji, li jibbenefika mill-akbar appoġġ pubbliku fl-UE. Madankollu, l-infiq fir-R&Ż fis-settur pubbliku naqas matul dan l-aħħar deċennju. L-investment fl-impriżi żgħar u medji (SMEs) innovattivi, kif ukoll it-tiżni tal-kooperazzjoni bejn in-negozji, ir-riċerka, l-akkademji u s-settur pubbliku, żiedu l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-pajjiż mitluba mill-kriżi tal-COVID-19. Għall-irkupru jenħteġu investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni pubbliċi, u ambjent tar-riċerka li jagħti appoġġ.
- (26) Biex jitravwem l-irkupru ekonomiku, se jkun importanti li l-proġetti ta' investment pubbliku maturi jiġu ffinanzjati b'mod aktar qawwi fil-bidu, u li jiġi promoss l-investment privat, inkluż permezz ta' riformi rilevanti. Il-Pjan Nazzjonali tal-Ungerija għall-Enerġija u l-Klima jidentifika l-investment meħtieġ biex tiġi indirizzata t-tranżizzjoni għall-klima u l-enerġija. Flimkien mal-investment fid-diġitalizzazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika, dawn se jagħmlu l-ekonomija Ungeriża aktar sostenibbli u reżiljenti ladarba l-pajjiż jirkupra mill-kriżi. Attwalment l-effiċjenza enerġetika fis-settur residenzjali hija baxxa, u dan jikkontribwixxi wkoll għat-tniġġis tal-arja. Il-ksur persistenti tal-istandards tal-kwalità tal-arja għandu riperkussjonijiet serji fuq is-saħħa u l-ambjent. Is-sorsi ewlenin tat-tniġġis tal-arja jinkludu l-kombustjoni residenzjali ta' fjuwil solidu, l-emissjonijiet mill-agrikoltura u mit-trasport. Huwa biss 1 % mill-konsum gross domestiku tal-enerġija li huwa kopert minn sorsi rinnovabbli b'livell baxx ta' karbonju, u l-bijomassa li tniġġes ħafna tikkontribwixxi għal madwar 10 %. Minn bażi baxxa, l-installazzjonijiet solari bdew jizjed b'mod rapidu. Skont il-Pjan Nazzjonali tagħha għall-Enerġija u l-Klima u newtralità klimatika fit-tul, l-Ungerija beħsiebha tiddependi aktar fuq sorsi ta' enerġija rinovabbli, partikolarment l-enerġija solari. Fis-sitwazzjoni ekonomika attwali, il-politika dwar l-enerġija tista' tiġġenera tekabbir ekoloġiku u tista' tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku. Il-konġestjoni fit-toroq kienet sfida li kienet qed tikber sat-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, u dan iħalli impatti ekonomiċi negattivi u żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra u fit-tniġġis tal-arja. Opportunitajiet aktar mifruxa ta' telexoġhol u sistemi aktar attraenti ta' trasport pubbliku jgħinu wkoll biex jittaffa l-impatt ambjentali tat-trasport. L-ekonomija ċirkolari għadha f'fażi inizjali, ir-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali huwa

sottożviluppat u l-istrumenti ekonomiċi ma jipprovdux biżżejjed inċentivi. Ir-rimi fil-landfills għadu l-metodu predominanti tal-immaniġġar tal-iskart. Il-kwalità u l-provvista tal-ilma għadhom ta' tħassib. Il-ħiliet diġitali tal-Ungeriżi u l-użu tat-teknoloġiji diġitali mid-ditti u mis-servizzi pubbliċi għadhom taħt il-medja tal-UE. Jenħtieġ li jkomplu jsiru sforzi biex iċ-ċittadini u n-negozji jġu offruti servizzi pubbliċi diġitali effiċjenti. L-ipprogrammar tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta għall-perjodu 2021-2027 jista' jgħin lill-Ungerija tittratta xi wħud mill-isfidi li toffri t-tranżizzjoni lejn ekonomija li tkun newtrali fejn tidħol il-klima, b'mod partikolari fl-oqsma koperti mill-Anness D tar-rapport tal-pajjiż⁹. Dan jippermetti li l-Ungerija tagħmel l-aħjar użu minn dak il-fond.

- (27) B'reazzjoni għall-epidemija tal-COVID-19, fil-11 ta' Marzu 2020 il-Gvern iddikjara "sitwazzjoni ta' periklu". Kemm se jidum dan il-fond mhuwiex definit minn qabel u l-Gvern għandu setgħa diskrezzjonali li jżommu jew li jtemmu. Il-miżuri konkreti li ħa l-Gvern idumu sa ma tintemm is-"sitwazzjoni ta' periklu". Fit-30 ta' Marzu 2020, il-Parlament għadda liġi ġdida li tippermetti li l-Gvern iqis bla effett kwalunkwe liġi b'digriet. Is-setgħat ta' emerġenza mogħtija jidher li huma aktar estensivi minn dawk adottati fi Stati Membri oħra, fid-dawl tal-effett ikkombinat ta' setgħat b'definizzjoni wiesgħa u n-nuqqas ta' limitu ta' żmien ċar. Ċerti miżuri ta' emerġenza li jużaw dawn is-setgħat iqajmu dubji dwar il-ħtieġa u l-proporzjonalità tagħhom u jinterferixxu mal-attivitajiet tan-negozju u mal-istabbiltà tal-ambjent regolatorju. Dawn il-miżuri jinkludu l-possibbiltà ta' deroga mil-liġijiet tax-xogħol, l-iskjerament ta' uffiċjali ta' kollegament militari f'kumpaniji strateġiċi u t-tqegħid ta' kumpanija elenkata fil-Borża taħt is-supervizzjoni tal-Istat. Kif iddikjara fil-15 ta' Mejju 2020, il-Prim Ministru Viktor Orbán jistenna li fl-aħħar tax-xahar il-Gvern ikun jista' jirritorna fil-Parlament il-mandat speċjali li nġhata minħabba l-epidemija tal-coronavirus. It-tisħiħ tal-indipendenza ġudizzjarja jkun kruċjali wkoll għal sorveljanza effettiva fuq il-miżuri ta' emerġenza kkonċernati.
- (28) L-involvement tas-sħab soċjali fl-inizjattivi ta' politika u fl-implimentazzjoni ma kienx biżżejjed f'dawn l-aħħar snin, u dan dgħajef il-kwalità u l-prevedibbiltà tat-tfassil tal-politika u żied l-oportunitajiet għal żbalji fil-politika. Il-konsultazzjonijiet u l-valutazzjonijiet tal-impatt ġew evitati b'mod rikorrenti billi ġew applikati proċeduri leġislattivi speċjali, bħal abbozzi ta' liġijiet u proċeduri urġenti ta' membru individwali. L-involvement tal-partijiet ikkonċernati kompli jidgħajef matul is-sistema attwali ta' tmexxija b'digriet mill-Gvern, anki fid-dawl tad-digriet tal-Gvern tat-18 ta' Marzu 2020 li jippermetti derogi bilaterali mill-Kodiċi tax-Xogħol.
- (29) In-nuqqas ta' kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku għadu ta' tħassib serju, billi aktar ftuħ tal-kompetizzjoni huwa soluzzjoni ewlenija biex tiġi ffaċċjata l-kriżi, jerġa' jqud fuq saqajh is-settur tan-negozji ż-żgħar u tiġi meġġjuna l-ekonomija biex terġa' tidda. Minkejja l-bidliet leġislattivi ġodda u d-diġitalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku, kważi nofs l-offerti pubbliċi kollha jirriżultaw fi proċedura ta' offerta waħda. L-għadd kbir ta' offerti uniċi jimmina l-effettività tas-sistema tal-akkwist pubbliku. Il-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku tista' tgħin biex tittejjeb il-konformità mar-regoli tal-Unjoni u tippermetti l-akkwist strateġiku. L-awditi tal-Kummissjoni dwar l-akkwist pubbliku relatati mal-proġetti kkofinanzjati mill-Unjoni u li saru f'dawn l-aħħar snin identifkaw nuqqasijiet sistemiċi u wrew dgħufijiet fis-sistema tal-kontroll tal-akkwist pubbliku. Fl-2019, il-Kummissjoni imponiet madwar EUR 1 biljun f'korrezzjonijiet finanzjarji fuq l-Ungerija minħabba dawn in-nuqqasijiet.

⁹ SWD(2019) 1016 final.

- (30) Huwa importanti li jiġi indirizzat l-ippjanar aggressiv tat-taxxa biex tittiejjeb l-effiċjenza u l-ekwiżità fis-sistemi tat-taxxa. L-effetti sekondarji ta' strateġiji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa tal-kontribwenti bejn l-Istati Membri jirrikjedu azzjoni koordinata ta' politiki nazzjonali biex jikkomplementaw il-leġiżlazzjoni tal-UE. L-Unġerija haġet miżuri kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa billi implimentat inizzjattivi internazzjonali u Ewropej li kien hemm qbil fuqhom minn qabel, iżda n-nuqqas ta' taxxi minn ras il-ġhajn fl-Unġerija fuq l-introjtu li joħroġ għal ċentri finanzjarji offshore jista' joffri rotta ta' ħruġ biex il-profitti joħorġu mill-UE mingħajr ma jħallsu sehemhom mit-taxxi. Filwaqt li l-flussi tal-introjtu li joħroġ bħar-royalties, l-imġhax u d-dividendi lejn ċentri finanzjarji offshore kienu relattivament żgħar fl-2013-2017, l-Unġerija rreġistrat flussi ta' dħul u ħruġ ta' kapital volatili u relattivament għolja permezz ta' entitajiet bi skop speċjali li jissuġġerixxu vulnerabbiltà potenzjali għall-prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa.
- (31) Fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, huwa importanti b'mod partikolari li jiġi żgurat il-funzjonament tal-infrastruttura kritika u ċ-ċirkolazzjoni libera tal-oġġetti fis-suq uniku u li jiġi ssorveljat u żgurat il-funzjonament korrett tal-ktajjen ta' provvisti b'kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien. Għaldaqstant, it-tneħħija ta' miżuri adottati matul il-kriżi tal-COVID-19, b'mod partikolari ir-restrizzjoni tal-esportazzjonijiet ta' sustanzi u prodotti mediċinali, biex ikunu fornuti primarjament fl-Unġerija, se tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet taċ-ċittadini madwar l-UE b'mod koerenti u fi spirtu ta' solidarjetà, u jiġi evitat ir-riskju ta' nuqqas u tfixkil fil-ktajjen ta' provvista. Fl-aħħar mill-aħħar, dan se jwitti t-triq għal strateġija ta' ħruġ mill-COVID-19 ikkoordinata mill-UE li tirnexxi.
- (32) Filwaqt li r-rakkomandazzjonijiet attwali jiffukaw fuq l-indirizzar tal-impatti soċjoekonomiċi tal-pandemija u fuq l-iffaċilitar tal-irkupru ekonomiku, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 adottati mill-Kunsill fid-9 ta' Lulju 2019 koprew ukoll riformi li huma essenzjali biex jiġu trattati l-isfidi strutturali fuq perjodu medju sa dak twil. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jibqgħu pertinenti u se jkomplu jiġu mmonitorjati matul iċ-ċiklu annwali tas-Semestru Ewropew tas-sena d-dieħla. Dan japplika wkoll għal rakkomandazzjonijiet rigward politiki ekonomiċi relatati mal-investment. Jenħtieġ li dawn ir-rakkomandazzjonijiet tal-aħħar jitqiesu għall-ipprogrammar strateġiku tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2020, inkluż għal miżuri ta' mitigazzjoni u l-istrateġiji ta' ħruġ fir-rigward tal-kriżi attwali.
- (33) Il-korruzzjoni, l-aċċess għall-informazzjoni pubblika u l-libertà tal-media qajmu tħassib saħansitra qabel il-kriżi. Dawn l-oqsma huma saħansitra aktar esposti għal deterjorament ulterjuri fis-sitwazzjoni ta' periklu billi ddgħajfu l-mekkaniżmi ta' kontroll. Jidher li l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni huma inqas effettivi fl-Unġerija milli fi Stati Membri oħrajn. Hemm nuqqas ta' azzjoni sistematika determinata biex issir prosekuzzjoni tal-korruzzjoni fil-livelli għolja. Ir-responsabbiltà għad-deċiżjonijiet biex jingħalqu l-investigazzjonijiet hija kwistjoni ta' tħassib billi ma hemm l-ebda rimedju effettiv kontra d-deċiżjonijiet tas-servizz tal-prosekuzzjoni li ma ssirx prosekuzzjoni ta' allegazzjonijiet ta' attivitajiet kriminali. Ir-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għall-informazzjoni għadhom ifixklu l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Il-prattiki dissważivi għall-aċċess ta' informazzjoni pubblika jistgħu jiskoraġġixxu liċ-ċittadini u lill-organizzazzjonijiet nongovernattivi milli jeżerċitaw id-drittijiet konstituzzjonali tagħhom.
- (34) Is-Semestru Ewropew jipprovdi l-qafas għal koordinazzjoni kontinwa tal-politika ekonomika u tal-impjiegi fl-Unjoni, li jista' jkun ta' kontribut għal ekonomija

sostenibbli. L-Istati Membri evalwaw il-progress fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (Sustainable Development Goals, SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 tagħhom. Billi tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt, l-Ungerija se tikkontribwixxi għall-progress lejn l-SDGs u għall-isforz komuni biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà kompetittiva fl-Unjoni.

- (35) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2020, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Ungerija u ppublikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2020. Ivvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2020, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Ungerija fis-snin preċedenti. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Ungerija, iżda qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċizzjonijiet nazzjonali fil-futur.
- (36) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2020 u l-opinjoni tiegħu¹⁰ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Ungerija tieħu azzjoni fl-2020 u l-2021 biex:

1. F'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali, tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija, issostni l-ekonomija u tappoġġa l-irkupru sussegwenti. Meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jkunu jippermettu, issegwi politiki fiskali li għandhom l-għan li jiksbu pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq perjodu medju u tiżgura s-sostenibbiltà fejn jidħol id-dejn, filwaqt li ttejjeb l-investment. Tindirizza n-nuqqasijiet tal-ħaddiema tas-saħħa u tiżgura provvista adegwata ta' prodotti mediċi kritiċi u infrastruttura biex tiżdied ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa. Ittejjeb l-aċċess għas-servizzi preventivi u tal-kura primarja ta' kwalità.
2. Tipproteġi l-impjeggi permezz ta' arranġamenti tax-xogħol għal żmien qasir u politiki attivi tas-suq tax-xogħol effettivi u testendi d-durata tal-benefiċċji tal-qgħad. Ittejjeb l-adeqwatezza tal-assistenza soċjali u tiżgura l-aċċess għas-servizzi essenzjali u għal edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd.
3. Tiżgura appoġġ ta' likwidità għall-impriżi żgħar u medji. Tiffinanzja fil-bidu tal-perjodu tagħhom proġetti maturi ta' investment pubbliku u tippromwovi l-investment privat biex jiġu mbuttati 'il quddiem l-irkupru ekonomiku. Tiffoka l-investment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari il-produzzjoni u l-użu nadif u effiċjenti tal-enerġija, trasport sostenibbli, l-immaniġġar tal-ilma u tal-iskart, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-infrastruttura diġitali għall-iskejjel.
4. Tiżgura li kull miżura ta' emerġenza tkun strettament proporzjonata, limitata fiż-żmien, konformi mal-istandards Ewropej u internazzjonali u jenħtieġ li ma tinterferix mal-attivitajiet kummerċjali u mal-istabbiltà tal-ambjent regolatorju. Tiżgura involviment effettiv tas-sħab soċjali u tal-partijiet ikkonċernati fil-proċess tat-tfassil tal-politika. Ittejjeb il-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku.
5. Issaħħaħ is-sistema fiskali kontra r-riskju ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa.

¹⁰ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President